# KUNSILL LOKALI – L-IMQABBA

**29, TRIQ IL-PARROCCA, L-IMQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**

**WEB SITE: www.mqabba.gov.mt /www.lc.gov.mt**


Minuti tas-seduta numru sitta u disgħin (96) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) li nżammet nhar il-Ħamis, 3 ta' Mejju, 2012, fis-6:30pm fl-uffiċċju amministrattiv tal-KLM.

| PREŻENTI: | Noel Galea | Sindku |
|---|---|---|
| | Charles Farrugia | Deputat Sindku |
| | Nicholas Briffa | Kunsillier |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |

1. Il-laqgħa bdiet fis-6:30pm bis-sindku jippresediha u jgħid it-talba.

2. Hu qal illi jaqbel illi s-seduta tkun posposta sakemm il-KLM jara x'kellu xi jgħid l-*accountant* Richard Falzon li kien preżenti.

3. Richard Falzon qal illi f'dawn l-aħħar snin hu assista 'l-kunsill billi bejn wieħed u ieħor jiltaqa' tliet darbiet fis-sena mas-segretarju eżekuttiv. F'dawn il-laqgħat isiru *reconciliations* tal-bank fuq is-sistema tas-*SAGE Pastel* u imbagħad lejn l-aħħar tas-sena jsiru *reconciliations* tal-kredituri, debituri u tad-*depreciation* eċċ.

4. Il-kunsillieri staqsew dwar ir-*reconciliation* tal-banek u s-segretarju eżekuttiv qal li din issir manwali fuq *excel sheet* darba fix-xahar speċjalment dik tal-kont kurrenti.

5. Richard Falzon kompla jispjega illi bħala debituri, il-KLM għandu prinċipalment dawk tal-*LES* u tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma (KSI). Dwar dawk tal-*LES* hu kompla jispjega illi bil-bidla li saret mill-Kumitati Konġunti (Żurrieq), għar-Reġjuni, fejn issa qed tkun imħaddma s-sistema tal-*pooling*, se jkun hemm differenza fil-mod kif dan se jkun *accounted*. Dwar id-debituri tal-KSI, il-KLM għandu jiġbor dawk il-ħlasijiet fuq trinek li jingħalqu temporanjament bil-*cold asphalt* mill-ħaddiema tal-KSI biex imbagħad il-KLM jgħattihom bil-*hot tarmac*.

6. Richard Falzon qal illi dwar l-osservazzjonijiet fil-*management letter* riċenti tal-awdituri dwar ir-*risk management* kien hemm bżonn li jiżdiedu xi spjegazzjonijiet biex il-KLM jgħid x'inhuma ir-*risk exposures* tiegħu b'aktar evidenza.

7. L-*accountant* qal li l-likwidità tal-KLM qed tiġi moniterata u għaldaqstant qed infornu lill-udituri anke saħansitra persentaġġi *(ratios*) dwar kif qed tinħadem din il-likwidità intrinsikament marbuta mal-kredituri u d-debituri.

8. Dwar id-differenza li nstabet fil-*bank reconciliation* bis-sistema, fuq parir tal-awdituri, il-KLM qed jikkunsidra li jagħmel *write-off* tal-ammont.

9. Richard Falzon qal li dwar il-*fixed assets* minkejja li hemm diffikultà biex jinbena r-reġistru kollu, ma jfissirx li m'hu qed jiġri xejn minn naħa tal-uffiċċju għaliex dan minn fuqu qed jinbnew id-*depreciation schedules* li jifformulaw żewġ paġni mill-*financial statements.*

10. Dwar il-*cash imprest system*, dan qed ikun ċertifikat kull darba li jkun hemm *reimbursement* b'ċekk minn fuq il-kont kurrenti. Is-segretarju eżekuttiv qal li dawn l-aħħar xhur, l-ispejjeż żdiedu u kull xahar kien hemm spiża li teċċedi l-€100. Madankollu anke fi kliem l-uditur stess li għamel il-*field work*, l-ammonti huma kontenuti ħafna u limitati għal xi bott kafe u ftit zokkor. Dan iċ-ċekk tar-refuzjoni ma setax ikun daqs l-ispejjeż li kienu minfuqa peress li kienu

jimplikaw ċekkijiet ta' 'il fuq minn €100 fix-xahar. Fil-verità meta ma jkunx fl-ufficcju s-segretarju eżekuttiv, it-tranżazzjonijiet tal-*petty cash* issir mill-impjegati kollha, anke saħansitra mill-ħaddiema tal-*IPSL* li jipprovdu lis-segretarju bil-*cash sale* / *receipt* normalment tal-*cash till* u dan jirrifondihom lura.

11. Dwar il-kreditur li dwaru anke l-istess awdituri taw il-parir li jiġi *written off* li jammonta għal €10,000, il-KLM dam jiddiskuti ħafna. Saħansitra anke kkunsidra is-*set off* mad-*debit balance* ta' €9,327 imsemmija f'*unreconciled balances* fl-ittra tal-awdituri punt 7.10. Fi kliem sempliċi, jidher li fil-verità kien hemm qisu spiża li ġejja mill-antik ta' €9,327 liema ċekkijiet għaliha ma ssarfux u issa huma preskritti (għax *cheque* jissarraf sa sitt xhur). Dwar dan intqal li investigazzjoni tagħhom hi probabbli li ma tistax issir minħabba l-lakuna li seħħet fis-sistema tal-*accounts* hekk kif minn *Sage Line 50*, kien rakkomandat is-*Sage Partner* li hekk kif tagħmel *year end* itajjar it-tranżazzjonijiet kollha għajr dik is-sena li tkun qed taħdem fiha u s-sena ta' qabel. Intant il-KLM qabel illi jieħu parir legali qabel ma jagħmel *write off* tal-€10,000 peress li fil-kumitat konġunt taż-Żurrieq hemm pendenti proċeduri legali minħabba irregolarità li allegatament seħħet fi ħdann l-amministrazzjoni. Jista' jkun li f'każ li jiġu mistoqsija lill-Kumitat Konġunt taż-Żurrieq, tintilef il-preskrizzjoni.

12. Is-sindku qal illi hu preokkupat minħabba l-multi u li b'dan in-nuqqas, il-kunsill ser jispiċċa li ma osservax it-*timeframe* mogħti lill-kunsilli lokali. Is-sindku kompla li dan mhux aċċettabbli meta kien hemm għad-dispożizzjoni madwar 20 jum biex jiġu ppreparati u jingħataw lill-udituri iżda dan ma seħħx. Ghaldaqstant il-KLM approva l-*audited financial statements* kif esebiti minn Richard Falzon propju f'din il-laqgħa. Għaldaqstant dawn se jkunu meħuda għada mis-segretarju eżekuttiv lil *Grant Thornton* hekk kif jiġu mgħoddija *soft copy* lilu fil-*format pdf* mill-*accountant* u jiġu ffirmati mis-sindku u s-segretarju eżekuttiv.

13. Infetħet l-offerta pubblika tal-makna tal-fotokopji. Kien hemm *bid* waħda ta' *Office Group* u l-KLM iddeċieda li jixtri l-makna *cash* mingħajr il-kuntratt tal-manutenzjoni għaliex jekk jixtriha fuq numru ta' xhur kif propost minnhom din se tlaħħaq l-ispiża ta' €3,000. B'hekk ikun qed jiggwadanja €????. Il-KLM se jmur għal prodott li ma jagħmilx l-*istaple* fuq id-dokument biex ma jtellax l-ispiża.

14. Issemmiet il-protesta li qed jagħmlu *Melita Insurance Brokers* minħabba li ma rebħux il-kwotazzjoni u minn flokhom l-*awarding letter* kienet ħarġet fuq *Island Insurance Brokers* li se jkunu responsabbli mill-polza tal-assikurazzjoni. Is-segretarju eżekuttiv qal li hu rreġistra fil-minuti dak li kien intqal u d-deċiżjoni tal-KLM se tkun komunikata lill-bidders kollha.

15. Dwar l-offerta tal-latrina pubblika li se terġa' toħroġ mill-ġdid, l-ispeċifikazzjonijiet iridu jinbidlu u l-KLM, l-attendenza tirrifletti biss dik f'*Option 2* biss, jiġifieri fuq *50% of the time attended*. Hawn is-segretarju eżekuttiv qal li fl-istess avviż se jkun hemm l-offerti tal-pubblikazzjoni ta' fuljett b'konnessjoni ma' miżura 313 minħabba l-urġenza li qed jagħmlu fuqna l-*Paying Agency MRRA,* il-ħruġ tal-offerta tal-*contract management* imsemmija f'items 4.22 u 4.23 tal-*management letter* diskussa propju f'din is-seduta minbarra kuntratti oħra li għalqu bhal dak tat-tindif tat-toroq, il-kwotazzjoni tal-*van* kif ukoll tal-arblu tal-bandiera li tkisser f'aċċident tat-traffiku.

16. Is-sindku talab lill-kunsillieri sabiex jakkumpanjawh għal-laqgħa tar-Reġjun Nofs-in-Nhar li ser issir nhar is-Sibt, 19 ta' Mejju 2012. Il-kunsillieri kollha huma mistiedna fir-Razzett l-Antik fejn ġie wkoll approvat il-ħlas ta' €18 għall-parteċipazzjoni ta' kull kunsillier minkejja li ma kienetx approvata l-*payment approval sheet* numru 435 peress li l-Kunsillieri Grace Marie Mallia u Paul Spiteri, kellhom jitilqu fid-9:00pm, u kienu skużati. Hu ttamat li l-kunsillieri jinfurmawna bil-parteċipazzjoni tagħhom sa nhar il-11 ta' Mejju, 2012.

17. Intant l-minuti tas-seduta preċedenti ma ġewx approvati u dawn se jkunu kkunsidrati f'laqgħa oħra.

18. Nicholas Briffa semma l-każ tas-Sur Michael Montefort li kellu vettura fil-*basement garages* ta' Binja Ħarriġiet u dan talab lill-KLM sabiex jagħmillu ittra ta' rakkomandazzjoni sabiex numru ta' kontravenzjonijiet ikunu mwaqqa'. Hawn is-sindku qal li minkejja li din il-persuna ħa affidavit, meta kellha l-vettura fil-*basement* din kienet bin-*number plates*, xi ħaġa li seta' faċilment neħħa u kien jevita kull ċitazzjoni - għax kieku ma kienux qed jarawha l-gwardjani lokali! Intant hu talab lis-segretarju eżekuttiv sabiex jibgħatlu *acknowledgement* tad-dokumentazzjoni li bagħtilna bil-Kunsillier Nicholas Briffa jgħid illi dan ma jaħdimx u m'għandux minn fejn iħallas dawn il-multi minkejja li hu ma jistax jifhem kif gwardjan jagħti ċitazzjoni meta l-karozza ma tkunx fit-triq. Is-sindku wieġeb li f'dan l-istadju il-kunsill ma jista' jagħmillu xejn għax la ħarġu ċ-ċitazzjonijiet, ifisser li kien qed jikser il-liġi b'xi mod.

19. Il-KLM se jagħmel il-laqgħa li jmiss nhar it-Tlieta, 15 ta' Mejju, 2012 filwaqt li din il-laqgħa spiċċat fid-9:29pm.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>*15 / 05/ 2012 minn:* | **Noel Galea**<br>**Sindku** |